# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.

## Illum 10 ta' Ottubru 2018

Rikors Guramentat Nru. 84/2015 RGM

Kawza fil-lista:

**A B**

**Vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-kura u kustodja tal-minuri Nicole u Jake imwielda fit-3 ta' Gunju 2004 u fl-4 ta' Frar 2002 rispettivament tkun vestita esklussivament lilha soggett ghal kwalunkwe dritt ta' access li l-Qorti takkorda lill-missier.

Talbet ukoll illi l-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-esponenti retta alimentarja fl-interess taz-zewg minuri inkluz manteniment ordnat in forza ta' zewg digrieti pendente lite li jkun ghadu dovut.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha issottometta illi m'ghandux oggezzjoni li l-attrici tigi vestita esklussivament bil-kura u kustodja taz-zewg minuri b'dan illi decizzjonijiet straordinarji rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri jittiehdu miz-zewg genituri flimkien.  Talab li jigi stabbilit access versu l-minuri.  Iddikjara wkoll illi m'ghandux oggezzjoni li jmantni lill-minuri uliedu b'dan illi l-quantum tal-manteniment ghandu jirrifletti kemm il-bzonnijiet tal-minuri kif ukoll il-mezzi tal-konvenut.  Jissottometti li l-manteniment pendente lite iffissat in forza ta' digriet tal-15 ta' April 2015 huwa kemmxejn gholi tenut kont l-introjtu tal-konvenut.   Jopponi t-talba tal-attrici ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment ghaliex isostni illi d-digriet tal-15 ta' April 2013 kien gie segwit b'digriet iehor datat 15 ta' Awissu 2013 li permezz tieghu kien gie approvat abbozz ta' kuntratt dwar dak kollu li jikkoncerna lill-minuri liema abbozz baqa' qatt ma gie ffirmat mill-partijiet.  Jeccepixxi li l-abbozz ma kienx gie ffirmat "minhabba l-intransigenza ta' l-attrici u ghalhekk il-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.".

Rat l-atti fosthom l-abbozz ta' ftehim ipprezentat mill-partijiet ghall-approvazzjoni tal-Qorti liema abbozz kien gie approvat in forza ta' digriet moghti fit-18 ta' Gunju 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Gunju 2018 minn fejn jirrizulta illi il-kuntratt baqa' mhux pubblikat mhux ghaliex il-konvenut kellu xi ripensament dwar il-kontenut tieghu.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**IL-FTEHIM**.

Il-Qorti ezaminat mill-gdid l-abbozz tal-ftehim li kienu prezentaw il-partijiet ghall-approvazzjoni tal-Qorti.  Il-kondizzjonijiet li dwarhom ftehmu il-partijiet huma s-segwenti-

*1. Il-kura u l-kustodja tal-minuri JAKE u NICOLE qieghdha tigi fdata esklussivament f'idejn l-Omm. Il-partijiet jaqblu illi l-minuri jkollhom ir-residenza ordinarja taghhom mal-komparenti Omm.*

*2. (a) Il-partijiet qeghdin jiftehmu li l-Missier ghandu jgawdi access liberu u ampju ghall-minuri, tenut kont tal-eta' tal-minuri, l-impenji socjali u rikreattivi taghhom, l-impenji edukattivi ta' Nicole kif ukoll l-impenji ta' xoghol illi jkollu Jake.*

*(b) Il-Partijiet jaqblu illi kull sena matul ix-xhur tas-sajf iz-zewg minuri ghandhom iqattghu perjodu ta' sebat (7) ijiem konsekuttivi mal-Missier. Id-dati ta' dawn is-sebat (7) ijiem konsekuttivi ghandom jintghazlu bi ftehim bejn il-partijiet minn sena ghal sena.*

*3. F'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier, il-minuri jqattghu l-jum mal-genitur li lilha jew lilu jkun dedikat dak il-jum.*

*4. F'gheluq snin il-genituri il-minuri jqattghu il-guranta ma' min mill-Omm u l-Missier ikollu l-birthday. Fil-granet ta' gheluq snin tal-minuri u fil-festi pubblici, l-partijiet ghandhom jiftiehmu bejniethom dwar ma' min minnhom il-minuri jqattghu dawn il-granet.*

*5. Il-minuri jqattghu lejlet u Jum il-Milied, u lejlet u Jum l-Ewwel tas-sena, d'mod alternat mal-genituri taghhom.*

*6. Il-Missier jobbliga ruhu illi meta jezercita l-access tieghu, huwa ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-Omm u jwassalhom lura fir-residenza tal-Omm.*

*7. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar xi kwistjoni li tinqala' bejniethom rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri, jew dwar it-trobbija jew l-andament edukattiv taghhom, il-partijiet qeghdin minn issa jaqblu li tali kwistjoni tigi riferita lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghad-decizjoni finali in materja.*

*8. Illi l-istess partijiet ghandhom flimkien u konguntivament jiehdu d-decizjonijiet importanti dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-imsemmija minuri, salv dejjem is-setghat tal-Qorti kompetenti f'kaz ta' konflitt bejn l-istess partijiet. Il-partijiet jaqblu madanakollu li kull wiehed minnhom jista' jiehu dawk il-mizuri necessarji fl-interess tal-minuri li jkunu urgenti u li ma jistghux jigu posposti, diment li dik il-parti tkun ippruvat tikkomunika mal-parti l-ohra u, f'kaz illi dan ma jkunx possibbli, tkun infurmat lill-parti l-ohra b'dak illi jkun sar minnha minghajr dewmien u fl-ewwel opportunita` li jkollha.*

*Inoltre:*

*a. Kull parti tkun intitolata ssegwi l-progress tal-edukazzjoni tat-tfal minuri u titlob u tottjeni l-informazzjoni minghand id-dirigenti tal-iskola tal-istess minuri.*

*b. Kull parti tkun intitolata ghall-informazzjoni adegwata minghand il-parti l-ohra dwar is-sahha tal-minuri u ghandha tigi informata minnufih f' kaz ta' mard jew jekk il-minuri jkunu rikoverati f'xi sptar.*

*c. Il-partijiet ghandhom jissalvagwardjaw is-sahha morali u fizika tal-minuri meta jkunu fil-kura taghhom.*

*10 (a). Il-partijiet jiddikjaraw illi l-minuri ghandhom passaport. Il-partijiet jaqblu illi f' kaz li wiehed minnhom ikun se jgedded il-passaport tal-minuri, dan ghandu jsir bil-permess bil-miktub taz-zewg partijiet. Il-passaporti jinzammu mill-Omm, bl-obbligu li jigi konsenjat lill-Missier mhux inqas minn erbatax (14) -il jum qabel is-safra jekk il-minuri jkunu sejrin isiefru mieghu. Il-Missier min-naha tieghu jkun obbligat li jerga' jikkonsenja l-passaporti tal-minuri lill-Omm fi zmien gimgha mir-ritorn taghhom.*

*10 (b). Il-partijiet jaqblu li f'kaz li jkunu jridu jsiefru lill-minuri, huma ghandhom jaghtu pre-avviz bil-miktub lill-parti l-ohra b'taghrif shih dwar il-perjodu tas-safra*

*u l-pajjiz/i li ser izuru l-minuri, il-persuni li ser isiefru mal-minuri u n-numru tat-telefon fejn jistghu jigu kkuntattjati.*

*10 (c). Il-Il-minuri ghandhom jikkomunikaw mal-parti l-ohra regolarment waqt il-perjodu tas-safar taghhom, almenu darba kuljum.*

*11 (a). Kull beneficcju soċjali koncernanti z-zewg minuri, inkluz izda mhux limitatatament ghal-childrens' allowance ghandu jigi percepit mill-Omm u dan sakemm il-minuri jibqghu jghixu u jirresjedu mal-Omm.*

*11 (b). Il-partijiet jiddikjaraw illi l-minuri Jake ta' sittax (16) –il sena jahdem bi qliegh fuq bazi full-time. Il-Missier jobbliga ruhu li jhallas lill-Omm manteniment ghall-minuri Nicole is-somma ta' mitejn euro (€200) kull xahar. Tali somma ghandha tithallas kull l-ewwel jum tax-xahar. L-istess retta alimentarja ta' mitejn Euro (€200) ulterjuri fix-xahar ghandha tigi mhallsa fl-interess ta' Jake jekk dana jkun minghajr impieg sal-eta' ta' tmintax (18) –il sena. Il-partijiet jaqblu illi tali somma ghandha tizdied awtomatikament u minghajr htiega ta' preavviz kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja a tenur ta' l-indici pubblikat ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk tali indiċi ma jibqghax jigi ppubblikat, il-partijiet ghandhom joqghodu fuq kwalunkwe indiċi Governattiv alternattiv.*

*11 (c). Rigward l-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri Nicole, il-partijiet qeghdin jiftehmu illi dawn huma koperti fl-intier taghhom fil-manteniment fiss hawn fuq sucitat.*

*11 (d). Il-Missier qieghed bil-prezenti jawtorizza lill-employer tieghu sabiex tali manteniment jinqata' direttament mis-salarju tieghu u jithallas direttament fil-kont bankarju li ghandha l-Omm mal-Bank of Valletta plc, liema kont igib il-kont numru 40019975173, numru IBAN MT35VALL22013000000040019975173. Il-partijiet*

*qeghdin jaqblu u jiftehmu illi l-Omm tista' fi kwalunkwe zmien tindika lill-Missier kont bankarju alternattiv fejn ghandu jigi versat il-manteniment.*

*11 (e) Il-Missier jobbliga ruhu illi f' kaz illi ma' jibqax impjegat u jsir 'self employed', il-manteniment dovut ghandu jithallas kull l-ewwel jum tax-xahar permezz ta' standing order' fil-kont bankarju tal-Omm.*

*11 (f). Il-manteniment hawn fuq imsemmi jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jew tibda tahdem fuq bazi shiha ( full-time), skont liema tigi l-ewwel, b'dan li jekk il-minuri tibqa' tistudja wara li taghlaq tmintax (18)-il sena, l-istess manteniment hawn miftiehem ghandu jibqa' jithallas lill-Omm u f'kull kaz sa mhux iktar tard minn meta taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena. Fl-eventwalita' li t-tifla tipprosegwi bl-istudji taghha wara l-eta' ta' tmintax (18)-il sena izda ma tibqax tirresjedi mal-Omm, il-manteniment hawn miftiehem jibda jithallas direttament lit-tifla sa mhux aktar tard minn meta taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena. Il-partijiet jaqblu li stipendju u/jew xoghol fuq bazi part-time waqt li t-tifla tkun qieghda tipprosegwi bl-istudji taghha ma jippregudikax il-manteniment.*

*12. Il-Missier qieghed ihallas lill-Omm, ghal darba wahda biss, is-somma ta' elfejn u hamsa u ghoxrin euro (€2,025) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghaz-zewg minuri. L-Omm tiddikjara li ma baqaghlha l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-Missier ghal dak li jirrigwarda arretrati ta' manteniment sal-gurnata ta' llum. L-Omm tiddikjara i d-debita ricevuta tal-imsemmija somma ta' €2,025.*

*13. L-Omm qieghdha tobbliga ruhha illi iccedi l-kawza li hemm pendenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet 'A B vs C D' (Rikors guramentat numru erbgha u tmenin zbarra elfejn u hmistax [84/2015]). Il-partijiet qeghdin jaqblu illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha tar-Registru tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif ukoll id-drittijiet professjonali dovuti lill-konsulent legali taghha, b' dana illi l-kawza tigi intaxxata come ceduta.*

*L-ispejjez ta' dan l-att jigu divizi ugwalment bejn iz-zewg partijiet, filwaqt illi kull parti thallas lill-konsulent legali taghha."*

Il-Qorti hi tal-fehma illi tali ftehim huwa fl-interess tal-minuri u mill-gdid tapprovah. Ghalhekk ser tilqa' t-talbiet attrici fid-dawl tal-ftehim fuq imsemmi.

Tenut kont illi din is-sentenza kienet mehtiega minhabba li l-konvenut naqas minghajr l-ebda raguni valida sabiex jersaq ghall-iffirmar tal-ftehim li kien milhuq bejn il-partijiet, il-Qorti qed tordna illi l-ispejjez tal-kawza odjerna jkunu a karigu tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut bil-mod kif hawn deciz;

1. Tilqa' t-talbiet attrici u tordna illi l-istipulazzjonijiet kollha elenkati supra taht l-intestatura "FTEHIM" jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza.

2. Tordna illi fuq is-somma rapprezentanti arretrati ta' manteniment jiddekorri imghax legali b'effett millum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor.Robert G. Mangion — Imhallef

Lydia Ellul — Deputat Registratur